Knisja elfejn

sena XXXVI nru. 150
ottubru – diċembru 2024

# L-Għan tat-Tama

WERREJ

Fr Raymond Gatt OP
**Editorjal** 1

Fr Justin Schembri OP
**Esther's lament as paradigmatic of Bible Hope** 5

E.T. Mons. Ġorġ Frendo OP
**Nagħtu raġuni tat-tama li hemm fina** 13

Fr Carlo Calleja
**Il-virtù teologali tat-tama** 25

Fr Jimmy Bonnici
**It-tama fl-Ispiritwalità Nisranija** 33

Fr Stephen Attard
**It-Tema tat-Tama fil-Liturġija** 43

Fr Ivan Attard OP
**It-tama u l-ġustizzja soċjali** 51

Fr Alan J. Adami OP
**Towards a renewed theology of hope and eschatology** 65

André P. DeBattista
**It-Tama skont l-enċiklika Spe Salvi** 89

Fr Michael Bugeja
**Il-Ħajja Liturġika matul is-Sena tal-Ġublew tat-Tama** 97

Papa Franġisku
**SPES NON CONFUNDIT – Bolla tal-indizzjoni tal-Ġublew Ordinarju tas-Sena 2025** 105

Kontributuri 126

Rivista ta' formazzjoni teoloġika
li tittratta temi ta' duttrina biblika,
dommatika, morali u xjenzi umani

Toħroġ kull tliet xhur

*Bl-approvazzjoni tal-Knisja*

---

Direzzjoni – Redazzjoni – Amministrazzjoni

Knisja 2000
Kunvent Patrijiet Dumnikani
Misraħ San Duminku
Rabat RBT 2521

---

Editur: P. Raymond Gatt O.P.
gattrayop@yahoo.com

---

Setting: Joe Cassar
Cover design: Mark Mercieca
Stampat: Best Print, Qrendi. Tel. 21 680789
Copyright: Pubblikazzjonijiet Dumnikani

# Il-virtù teologali tat-tama

Fr Carlo Calleja

Refuġjata Sudaniża jisimha Acholdeng, kienet ilha, flimkien u tifla ċkejkna tagħha ta' erba' snin, miexja fid-deżert għal erbat ijiem. Sa fl-aħħar waslu, mikulin bil-ġuħ, f'ċentru tar-refuġjati biex isibu ftit mistrieħ. Mixħutin fuq kutra, eżawsti u mejtin bil-għatx kif kienu, Acholdeng bdiet tisma' madwarha l-ilħna ta' nisa oħrajn, mifnija bħalha imma li, bil-mod il-mod, waħda waħda, bdew iqumu bilwieqfa u jkantaw. Kantaw kant ta' għerusija u ta' mħabba, kant ta' għana u ta' tama, lill-ħajja li kellhom biss nofsha. Kienu qed jaraw dawl fid-dlam. Bil-mod il-mod, Acholdeng zappet lejhom biex tingħaqad magħhom, biex tiżfen magħhom.[1]

Din il-ġrajja qawwija tista' titfa' dawl fuq il-virtù teologali tat-tama u l-qawwa ta' din il-virtù fuq il-ħajja tagħna ta' kuljum, l-aktar f'nofs l-inġustizzji li sikwit inġarrbu bħala individwi kif ukoll bħala umanità sħiħa.

Dan huwa minnu l-aktar meta niftakru li l-Papa Franġisku, fl-ittra tiegħu fil-bidu tar-Randan li għadda kien sejjaħ dan il-punt storiku li għaddejjin minnu, immarkat fost oħrajn, minn gwerer, terroriżmu u sfruttament ambjentali, bħala "defisit ta' tama".[2] Biżżejjed insemmu li llum hemm darbtejn aktar persuni li kellhom jitilqu minn darhom daqs kemm kien hemm għaxar snin ilu, minħabba tibdil fil-klima, vjolenza u gwerer.[3] Dan kollu qed iseħħ f'kuntest ta' politika li qed issir dejjem aktar populista u fl-istess ħin polarizzata f'ħafna partijiet tad-dinja, u ekonomija li tkompli twessa' l-qasma bejn dawk li huma ekonomikament b'saħħithom u dawk li huma ekonomikament vulnerabbli. Naħseb li mhux b'kumbinazzjoni li f'ħafna pajjiżi inkuż tagħna, hemm epidemija ta' saħħa mentali, l-aktar fost iż-żgħażagħ, u li hawn diversi

koppji żgħar li jippreferu li ma jkollhomx tfal għax jibżgħu jġibu tfal f'dinja li ma tispirax sens ta' tama.

Huwa għaldaqstant xieraq li nerġgħu nirriflettu b'mod kemxejn sistematiku fuq it-tama bħala virtù teologali b'ħarsa ħafifa lejn il-fehma ta' San Pawl dwar il-virtujiet teologali, l-aktar it-tama, il-kontribut ta' Santu Wistin u ta' San Tumas t'Akwinu f'dan ir-rigward, qabel ma nieqfu fuq xi riflessjonijiet aktar kontemporanji dwar din il-virtù, l-aktar fil-kuntest tal-ġustizzja soċjali.

## It-tama lil hinn minn din il-ħajja

Element komuni li nsibu kemm fil-kitbiet ta' San Pawl, kif ukoll f'Santu Wistin hu li t-tama tiffissa l-ħarsa tagħna lejn il-qawmien mill-imwiet. Dan ma jfissirx li m'hemm ebda impatt fuq dak li qed ngħixu "fl-hawn u l-issa". Kif se naraw, f'San Pawl dan ifisser li t-tama tixprunana li nibdew naħdmu f'din il-ħajja stess għall-qawmien mill-imwiet, u li nibdew induqu minn issa stess il-ħjiel ta' dan. F'Santu Wistin naraw li dak kollu li nittamaw għalih f'din il-ħajja għandu jwassalna għal tama akbar u li ngħixu b'mod aktar sħiħ fil-ħajja ta' wara din.

It-tliet virtujiet teologali saru l-pedament tal-ħajja tad-dixxipli ta' Kristu sa mill-ewwel snin tal-Kristjaneżmu, kif tixhed it-tislima ta' San Pawl fl-ittra tiegħu lill-komunità ta' Tessalonika:

> Aħna kull ħin niżżu ħajr lil Alla minħabba fikom ilkoll, u niftakru fikom dejjem meta nitolbu. Niftakru fil-ħidma li hi ġejja mill-fidi tagħkom u fit-taħbit li ħiereġ minn imħabbitkom; niftakru fil-qawwa tat-tama tagħkom f'Sidna Ġesù Kristu quddiem Alla Missierna. Aħna nafu, l-aħwa, li Alla jħobbkom u għażilkom. (1 Tess 2-4)

Hawnhekk ninnutaw żewġ punti importanti: l-ewwel nett li dawn it-tliet virtujiet huma mogħtija minn Alla, imma li jinvolvu wkoll l-impenn prattiku tagħna. It-tieni nett, li l-ordni ta' fidi, imħabba, u tama (u mhux fidi, tama u mħabba) tfakkarna li t-tliet virtujiet huma parti integrali mill-ħajja tan-Nisrani: il-fidi tħares lura lejn id-don tal-fidi li wieħed ikun irċieva, l-imħabba tanima l-ħajja tan-Nisrani fil-mument preżenti, waqt li t-tama titfa' ħarsitna 'l quddiem lejn il-miġja ta' Sidna Ġesù Kristu.[4]

F'siltiet oħra, San Pawl jaqsam magħna x'inhu dak li għalih jittama, jiġifieri li jkun "ma' Kristu" wara mewtu (Fil 1:23), li jirċievi l-qawmien mill-imwiet (Fil 3:11), u li jilħaq it-tmiem (*telos*) tas-sejħa ta' Alla fi Kristu Ġesù (Fil 3:14).[5] Min-naħa ninnutaw li għal Pawlu, it-tama torjentana għal realtà li nkunu nistgħu ngħixuha fil-ħajja ta' wara din, jiġifieri l-qawmien mill-imwiet, u li dan huwa don li nirċievu permezz ta' Kristu u l-mewt u l-qawmien tiegħu. Min-naħa l-oħra, fl-istess kitbiet tiegħu nsibu wkoll ħjiel li l-premju tal-ħajja ta' dejjem nibdew ngħixuh minn issa, f'din id-dinja stess, u li ma tinvolvix biss lil kull wieħed u waħda minna b'mod individwali imma l-ħolqien kollu. Dan narawh, pereżempju meta Pawlu jitkellem dwar "l-ewwel frott tal-Ispirtu" (Rum 8:23), u "l-ħolqien kollu" li "jitniehed bl-uġigħ tal-ħlas" (Rum 8:22).

B'hekk, San Pawl mhux biss jgħarrafna li t-tamiet tagħna jibdew jintlaħqu mill-preżent, għad li jilħqu l-milja tagħhom fil-futur, iżda wkoll li lkoll kemm aħna għandna wkoll ħidma li rridu nwettqu biex din it-tama tagħna tintlaħaq u ssir tabilħaqq realtà.

**Santu Wistin: Il-virtù tat-tama twassalna għall-ħajja ta' dejjem**

Il-post fejn Santu Wistin l-aktar li jitkellem b'mod ċar fuq il-virtù tat-tama hu fi ktejjeb żgħir, li jsejjaħlu *Manwal dwar il-Fidi, it-Tama u l-Karità*. Fih, huwa jirrifletti fuq il-kliem tal-Missierna u juri kif din it-talba fiha seba' talbiet: tlieta minnhom dwar ħwejjeġ eterni u erbgħa dwar ħwejjeġ temporali, li huma neċessarji għall-ħwejjeġ eterni. B'hekk, isostni Santu Wistin, anke jekk ikollna t-tama li t-talb tagħna jaqlgħalna ħwejjeġ bħall-ħobża ta' kuljum, dan għandna nittamaw għalih mhux għalih innifsu imma għal tama ogħla, li hi l-ħajja ta' dejjem.[6] Dan ifisser li t-tama għal Santu Wistin għandha, u tista' biss, titħaddem bil-mod sħiħ fid-dawl tal-ħajja ta' dejjem. Fi kliem ieħor, anke jekk nittamaw il-paċi u l-ġustizzja fis-soċjetà tagħna, din il-paċi nistgħu biss nixtiquha jekk kemm-il darba twassalna wkoll għall-għaqda sħiħa ma' Alla u mal-oħrajn, għax qatt m'għandna nittamaw għal ħwejjeġ ta' din il-ħajja biss, jekk mhux għax iwassluna għall-għaqda ma' Alla fil-ħajja ta' dejjem.[7]

Huwa wkoll f'Santu Wistin li naraw l-ewwel referenzi għad-dnubiet (*vices*) li jopponu l-virtù tat-tama. Dawn id-dnubiet huma, fuq naħa, il-preżunzjoni u fuq in-naħa l-oħra, id-disperazzjoni jew il-qtigħ il-qalb.

Min jaqa' fid-disperazzjoni, jgħid Santu Wistin, ma jkomplix jisforza biex jilħaq dak li hu tajjeb, anke jekk it-tajjeb jinsab fil-qrib. Minflok, dawn in-nies jaqtgħu qalbhom u ma jsibu l-ebda motivazzjoni biex iġibu ruħhom b'mod tajjeb. Dawn in-nies jagħtu daharhom lil Alla, jaqgħu fi dnubiet varji, u jġibu ruħhom b'mod ħażin f'kollox. Fl-oppost ta' dan insibu l-preżunzjoni, fejn dak li jkun jafda wisq li Alla se jagħtih dak li jeħtieġ u b'hekk ma jagħmel l-ebda sforz min-naħa tiegħu. Min jagħmel hekk jaħseb li jkun diġà kiseb dak li qed jittama għalih, u għalhekk ma jimpenjax ruħu biżżejjed biex jilħqu u jispiċċa biex jintilef hu wkoll.

Huwa f'dan id-dawl li nistgħu nifhmu t-tama fil-ħajja politika li Santu Wistin jissuġġerixxi fil-ktieb tiegħu *Il-Belt ta' Alla*. Għalih, il-ġid li nittamaw għalih f'din id-dinja bħall-paċi, is-saħħa, u kwalunkwe ħaġa li tgħinna ngħixu sew f'din il-ħajja, huwa importanti għax mingħajr dan il-ġid lanqas ma nistgħu niksbu l-ogħla ġid, li hu Alla nnifsu, wara din il-ħajja. Huwa għalhekk li għandna nimpenjaw ruħna tant biex nibnu soċjetà ta' ġustizzja u paċi, b'hekk nevitaw il-preżunzjoni u d-disperazzjoni, li huma l-għerq ta' kull forma ta' vizzju ikrah fis-soċjetà biex ingawdu lil Alla fil-belt tas-sema.

## L-implikazzjonijiet tat-tama fl-hawn u l-issa

Il-ħsieb ta' San Pawl u ta' Santu Wistin, li jkompli juri r-rabta fil-virtù tat-tama, bejn il-ħajja eterna u dik temporali, tkompli tkun ikkumplimentata u msaħħa, tmien sekli wara, permezz tat-teoloġija ta' San Tumas t'Akwinu.[8]

Għal San Tumas t'Akwinu, hemm erba' karatteristiċi għat-tamiet tagħna: L-ewwel nett, it-tama hi il-moviment, jew il-vjaġġ tal-bniedem lejn dak li jagħmlu tassew sħiħ. It-tieni, it-tama tiftħilna għajnejna lejn il-futur għax dak li nittamaw hu dejjem fil-ġejjieni. It-tielet, it-tama dejjem tirreferi għal xi ħaġa li niksbuha bi tbatija, impenn jew diffikultà. Ir-raba', huwa biss dak li nafu li b'xi mod nistgħu nilħquh li jiġġenera t-tama fina. Jekk mhuwiex possibbli li nilħquh flok tama nesperjenzaw il-qtigħ il-qalb jew id-disperazzjoni.[9] L-implikazzjoni ta' dawn l-erba' karatteristiċi tat-tama hi li m'hijiex virtù astratta jew mifruda mill-ħajja tagħna ta' kuljum. Anzi, tagħti l-ħajja lill-esperjenzi diversi tagħna li mhumiex marbutin biss mar-realtà spiritwali bħall-ħajja ta' wara din,

imma nistgħu nsibu ħjiel tagħha f'kull esperjenza li tassew tiftaħna għal dak li verament jagħmilna persuni sħaħ u li tiftaħna għall-iskop (*telos*) li għalih aħna maħluqin.

Kien Tumas t'Akwinu li saħaq li b'differenza għall-virtujiet l-oħra bħall-ġustizzja, it-temperanza u l-bqija, it-tama bħall-fidi u l-imħabba, peress illi huma virtujiet teologali, huma mogħtija lilna minn Alla bħala don (infused virtues), u jpoġġuna f'komunjoni mat-Trinità. Fi kliem ieħor, it-tama, mifhuma mhux bħala sempliċiment xewqa għat-tajjeb imma bħala virtù twassalna diġà biex induqu l-għaqda ma' Alla li ħa nesperjenzaw wara din il-ħajja.[10]

L-imħabba, skont San Tumas, hija marbuta ħaġa waħda mat-tama għax meta nittamaw għal xi ħaġa, inkunu qed nesprimu x-xewqa li ningħaqdu b'mod sħiħ ma' dak li qed nittamaw mhux għalih innifsu imma għall-imħabba li żżommna flimkien. Dan jgħodd għall-għaqda tagħna ma' Alla, l-għaqda bejn il-miżżewġin, kif ukoll tal-ħbieb, inkluż ta' dawk li jgħixu flimkien f'soċjetà armonjuża, jiġifieri l-ħbiberija soċjali.

Id-disperazzjoni u l-preżunzjoni għal San Tumas, simili għal dak li diġà rajna f'Santu Wistin, huma d-dnubiet kontra t-tama. Id-disperazzjoni tiġri meta l-bniedem idur lil hinn minn Alla, jew idur lejn Alla b'mod offensiv. L-għażż spiritwali (*spiritual sloth*) u n-nuqqas ta' kastità (*unchastity*) huma ż-żewġ dnubiet li San Tumas isemmi bħala kawżi tad-disperazzjoni. Il-preżunzjoni, min-naħa l-oħra, hija riżultat ta' dawk li jiġġudikaw b'mod żbaljat il-ħniena u l-ġudizzju t'Alla għax jagħmlu diġà tagħhom is-salvazzjoni ta' ruħhom mingħajr l-impenn meħtieġ li mingħajru ma nistgħux nikbru u ninbidlu f'min Alla jixtieqna nkunu għall-ġid tagħna.[11]

## It-tama u l-ġustizzja politika u ekonomika

L-isbaħ referenza għat-tama fl-impenn tan-Nisrani fil-ħidma tal-ġustizzja soċjali nsibuha fid-dokument tas-Sinodu Dinji tal-Isqfijiet Kattoliċi, *Iustitia in Mundo*. L-aħħar erba' paragrafi jitkellmu fuq it-tama. It-tama li ngħixu hija frott il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. L-istess Spirtu li qajjem lil Ġesù mill-imwiet hu l-istess Spirtu li huwa attiv fid-dinja llum, u li jispira l-poplu t'Alla preżenti fost il-foqra u

dawk li qed isofru oppressjoni llum. Bil-preżenza u l-ħidma tagħhom iwettqu l-ħidma tal-qawmien ta' Kristu fil-qalb ta' min qiegħed ibati u fis-soċjetà biex id-dinja tiġġedded tassew u tiġi s-Saltna ta' Alla fostna. It-tama għall-miġja tas-Saltna ta' Alla fostna tixprunana biex nikkoperaw ma' Alla biex ninħelsu minn kull dnub u nibnu tassew dinja li tilħaq il-milja tal-ħolqien bil-ħidma tal-bniedem għall-bnedmin ħuthom.[12]

## Prattiċi komunitarji ta' tama

Għad li l-virtujiet teologali huma mogħtija bħala don, aħna xorta nistgħu u għandna nagħmlu sehemna biex nikkultivaw din il-virtù fina u fid-dinja ta' madwarna. Wara kollox, it-tama m'hijiex sempliċiment sentiment li nħossu fina li kollox għad imur sew, imma virtù, jiġifieri dispożizzjoni kostanti li tmexxina u twassalna biex inġibu ruħna b'ċertu mod.[13] Biex nikkwotaw lill-Papa Benedittu XVI fuq nota simili, fl-enċiklika tiegħu *Spe salvi*, "Kull għemil serju u rett tal-bniedem huwa tama fl-azzjoni."[14] Il-prattiċi li jgħinuna biex niżirgħu u nikkultivaw din it-tama huma dawk l-esperjenzi li jinvolvu li ninvestu fil-preżent, għad li nafu li r-riżultat se nkunu qed narawh mhux issa imma fil-futur, anke jekk ma nafux jekk aħniex se naraw ir-riżultat jew le.

Skont il-Ġiżwita u teologu morali Alain Thomasset, l-isbaħ eżempju ta' dan narawh fil-parabboli ta' Ġesù, l-aktar taż-żerriegħa li tikber fis-skiet u l-ħmira li ttella' għaġna sħiħa (Lq 13:18-19). Hu jsostni li hemm realtà oħra li m'hijiex evidenti mal-ewwel daqqa t'għajn imma li hija fil-fatt hemm. Fil-kwadru ppreżentat minn Ġesù naraw ir-raġel (il-bidwi), il-mara (li titfa' l-ħmira), jonqos biss persuna oħra f'dan il-kwadru: it-tfal ta' din il-koppja. Thomasset jgħid li huma hemm, għalkemm mhumiex evidenti mill-ewwel, u jissimbolizzaw is-Saltna t'Alla li ġejja, li mhux dejjem nindunaw biha.

Prattiċi bħal istituzzjonijiet varji ta' edukazzjoni tat-tfal u żgħażagħ, ta' riabilitazzjoni ta' ħabsin u ta' persuni bil-vizzju tad-droga, jew istituzzjonijiet jieħdu ħsieb ta' persuni b'diżabbilitajiet u l-bqija, jiżirgħu t-tama għalkemm ir-riżultat ma jkunx jidher mill-ewwel. Permezz tal-ħidma tagħhom huma jagħtu spazju biex is-Saltna t'Alla tkun tista' tidher tassew fostna.

## Romero bħala mudell tat-tama

Il-Knisja tagħtina "sħaba kbira ta' xhieda" (Lhud 12:1), persuni li nqisuhom bħala qaddisin u li jagħtuna eżempju bil-ħajja tagħhom. Persuna li għexet b'dan il-mod hu l-Isqof Oscar Romero, għad li ma kienx jaf li l-mewt tiegħu kellha tkun pass ieħor li fl-aħħar iġġib il-ħelsien lill-poplu tiegħu ta' El Salvador li kienu qed isofru l-oppressjoni. Madanakollu, huwa xorta ma naqasx milli jitkellem f'isem il-ġustizzja u d-dinjità tal-persuni l-aktar foqra anke jekk ma kienx qed jara l-frott u kien qed ibati persekuzzjoni kbira.[15] Rebecca Solnit, awtriċi, storika u attivista tivvjaġġa madwar id-dinja turi kif diversi persuni madwar id-dinja jispiraw it-tama anke f'ambjenti politiċi ostili biex idawru sitwazzjonijiet ta' disperazzjoni f'sitwazzjonijiet li jagħtu l-ħajja.[16]

Jidher li bħalissa l-virtù teologali tat-tama skarsat għax neħħejna lil Alla mill-orizzont tagħna. L-unika soluzzjoni għall-kunflitt illum jidher li hija l-qerda ta' xulxin bl-armi nukleari, u minflok ma naraw kif se nindirizzaw il-problema ambjentali qed naħsbu biex niksbu pjaneti oħra għax it-tama fil-pjaneta tagħna spiċċat. Jeħtieġ, għalhekk, li nerġgħu niskopru din il-virtù fid-dawl ta' dak li jgħallmuna l-għalliema l-kbar tat-tradizzjoni Nisranija, bħal San Pawl, Santu Wistin u San Tumas t'Akwinu, nerġgħu inxettlu t-tama fil-kultura tagħna permezz ta' istituzzjonijiet u prattiċi li jagħmlu propju dan, u nħarsu lejn persuni li inkarnaw din il-virtù f'ħajjithom. It-tama tista' tkun ikkultivata anke f'min ma jemminx jew f'min iħaddan fidi oħra. B'hekk il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù ma tibqax xi ħaġa 'l barra minna imma s-sors tat-tama tagħna sa minn din id-dinja stess.

## Noti

1. Addattat minn John Vidal, "A dance in the shadow of death." *Guardian* [London, England], September 22, 1998, 2. Ara wkoll Lisa Sowle Cahill, *Global Justice, Christology and Christian Ethics*, New Studies in Christian Ethics (Cambridge: Cambridge University Press, 2019), 290–91, http://assets.cambridge.org/97811070/28777/cover/9781107028777.jpg.
2. Francis, 'Through the Desert God Leads Us to Freedom', 1 February 2024, https://press.vatican.va/content/salastampa/en/bollettino/pubblico/2024/02/01/240201c.html.

3. United Nations, 'Record Levels of Displacement amid Global Conflict and Environmental Disasters', UN News Global perspective Human stories, 21 June 2024, https://news.un.org/en/story/2024/06/1151361.
4. Daniel J. Harrington and James F. Keenan, *Paul and Virtue Ethics: Building Bridges between New Testament Studies and Moral Theology* (Lanham, Md.: Rowman & Littlefield Publishers, 2010), https://search.ebscohost.com/login.aspx?direct=true&scope=site&db=nlebk&db=nlabk&AN=350481.
5. Harrington and Keenan.
6. Augustine of Hippo, *Enchiridion: On Faith, Hope, and Love (1955). English Translation*, 1955, https://www.tertullian.org/fathers/augustine_enchiridion_02_trans.htm?fbclid=IwAR3YUQ4XdBs1_DC7uelPQPNQH6sN0kvvqalde0a5PzVh2uYiWsp2AEnPL6Q#C30.
7. Dan jirrifletti l-ħsieb tiegħu ta' *uti* u *frui* li Santu Wistin iħobb japplika. B'uti, huwa jfisser ħwejjeġ li nużaw, waqt li frui huma ħwejjeġ li ngawdu. Kull ħaġa maħluqa hija uti jekk kemm-il darba nużawhom biex ingawdu lil Alla (*frui*) b'mod sħiħ. Spiss, jgħid Santu Wistin, inħawdu dawn il-ħwejjeġ u ngawdu l-ħwejjeġ li ġew mogħtija lilna daqslikieku huma Alla.
8. Tumas t'Akwinu, *Summa Theologiae*, IIaIIae, qq. 17 et seq.
9. Romanus Cessario, 'The Theological Virtue of Hope (IIaIIae, qq. 17-22)', in *The Ethics of Aquinas* edited by Stephen J Pope (Washington, D.C.: Georgetown University Press, 2002), 232–33.
10. Cessario, 234–35.
11. Cessario, 240.
12. Sinodu Dinji tal-Isqfijiet, *Iustitia in Mundo* 1971. Para 74-77.
13. Alain Y. Thomasset, *Un'etica teologica delle virtù sociali: giustizia, solidarietà, compassione, ospitalità, speranza*, Biblioteca di teologia contemporanea (Brescia: Queriniana, 2021), 232.
14. Benedittu XVI, 'Spe Salvi', 30 November 2007, para. 35, https://www.vatican.va/content/benedict-xvi/en/encyclicals/documents/hf_ben-xvi_enc_20071130_spe-salvi.html.
15. Roberto Morozzo Della Rocca, *Oscar Romero: Prophet of Hope* (London: Darton, Longman and Todd, 2015).
16. Ara pereżempju Rebecca Solnit, 'Grounds For Hope', *Tikkun* 32, no. 1 (1 January 2017): 30–39, https://doi.org/10.1215/08879982-3769066.